MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1805/2001/1

**SMS Insurance Agency Ltd. bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Norman Cassar**

**vs**

**Valentin Valtchev Nikolaev**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' risarciment ta' danni komplessivi fl-ammont ta' mija hamsa u tletin liri Maltin, 71 il-centezmu (Lm135.71) risultanti minn incident awtomobilisitku li gara f'B'Kara nhar il-11 ta' Mejju, 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura BBA 979 habat mal-vettura DAQ 791 propjeta ta' Norman Cassar, misjuqa minn Josephine Cassar fil-hin tal-incident ghal liema incident il-konvenut

kien unikament responsabli minhabba imrudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali ta’ Ottubru, 2001 u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz tat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni procedura a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-imghax legali.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta’ Josephine Cassar, is-sewwieqa awtorizzata mill-assikurat tas-socjeta’ attrici, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulteerjuri.

Sema’ ix-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal huwa rinfaccjat b’ zewg versjonijiet totalment opposti li pero' ghandhom diversi somiljanzi. Dawk moghtija a tempo vergine gew fedelment konfermati seduta stante.

Fuq kazi ta’ verosimiljanza, jigi rilevat li fejn saret il-kollizzjoni, hija triq traffikuza, kanneggjata wahda f’ kull direzzjoni li ma tippermettix sorpass. Di fatti, hekk kif habtu riedet tghaddi xarabank.

Aktar u aktar f’ dak il-hin partikolari u kundizzjonijiet meteorelogici li ma jikkonsiljawx manuvra bhal dik.

Mhux hekk biss, izda z-zewg xhieda okulari tas-socjeta’ attrici it-tnejn ikkonfermaw li kien l-konvenut li qala fuq ix-xellug.

Relattivament ghal quantum tad-danni, dawn ma gewx kontestati. Pero' it-Tribunal jirrileva illi s-socjeta’ attrici kienet irceviet minghand l-assigurat taghha s-somma ta’ Hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) bhala excess.

Dan qed tintalab ir-rifuzjoni taghhom minghand l-konvenut, pero' fl-istess hin l-istess assigurat mhux attur f’ din il-kawza, kif ukoll li ma tistax tagixxi f’ ismu. B’hekk trid titnaqqas is-somma ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) mis-sorte mitlub.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccessjoni tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici, pero' limitatament ghas-somma ta’ mija u ghaxar Liri u wiehed u sebghin centezmu (Lm110.71) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------